MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 141/2009

**Go p.l.c. (C - 22334)**

**vs**

**Jane Grima (I.D. 516965M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ elf, erba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tmienja u tletin centezmi (€1,447.38), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go p.l.c. in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21661250 skont kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati ‘A’ u ‘B’, annessi mat-talba.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament, u cioe' mit-28 ta' Gunju, 2004 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta, ghalkemm debitament notfikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2009 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t`-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skondt il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------